MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 47/2003

Lombard Bank Malta p.l.c.

Vs

G.P. Investments Limited bħala debitur prinċipali u Victor u Vivienne konjuġi Galea Pace bħala garanti solidali .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni illi permezz tagħha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-Bank attur permezz ta' żewġ kuntratti wieħed fl-atti tan-Nutar John Gambin li jġib d-data tat-tlieta (3) ta' setttembru, elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) li kopja legali tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" u ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone li jġib id-data tat-tletin (30) ta' Diċembru elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) li kopja legali tiegħu huwa hawn anness u mmarkat

dok "B" ikkonċeda faċilitajiet ta' self lis-soċjeta' konvenuta G.P. Investments Limited bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija u dan oltre faċilita' ta' "cheque account" u in forza ta' dawn il-faċilitajiet l-imsemmija soċjeta' konvenuta sselfet flus mingħand il-Bank attur u għandha debitu bilanċjali komplessiv favur l-istess bank attur ta' disgħa u tmenin elf, tmien mija ħamsa u disgħin liri Maltin tmienja u sittin ċenteżmi (Lm89,895.68) skond tlett 'statements" hawn annessi u mmarkati dok "C" u Dok "D" u Dok 'E" bl-interessi kkalkolati sas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv .

Illi s-soċjeta' konvenuta ggarantiet l-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka ġenerali fuq ħwejjigha kollha preżenti u futuri, kif ukoll ipoteka speċjali fuq il-"Penthouse flat" inkluż l-arja sovrastanti tiegħu li jġib in-numru ħdax (11) fi blokk ta' appartamenti enumerati sitta u għoxrin (26) f'Dun Karm Psaila Street, Sliema liema proprjeta' hija aħjar deskritta fl-imsemmija kuntratti hawn annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B" u inoltre l-konvenuti konjuġi Galea Pace ggarantew b'mod solidali flimkien mas-soċjeta' konvenuta G.P. Investments Limited il-ħlas lura tad-debitu imsemmi fid-Dok "B" permezz ta' ipoteka ġenerali fuq il-ħwejjeġ kollha tagħhom preżenti u futuri .

Illi permezz ta' żewġ skritturi privati ta' garanzija li kopji legali tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok "F" u Dok "G" il-konvenuti konjuġi Galea Pace kienu wkoll iggarantew solidalment mas-soċjeta' konvenuta l-ħlas lura tad-debitu sa l-ammont ta' tnax-il elf liri maltin (Lm12,000) u ħamest'elef liri Maltin (Lm5000) rispettivament skond kif hemm aħjar deskritt.

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu anke uffiċjalment, il-konvenuti baqgħu inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet hawn fuq premessi :

1. Jiġu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' disgħa u tmenin elf, tmien mija ħamsa u disgħin liri Maltin tmienja u sittin ċenteżmi (Lm89,895.68) bl-interessi kkalkolati sas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez kollha, inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tas-6 ta' Frar, 2003, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta' Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa flimkien mad-diretturi tas-soċjeta' konvenuta, għas-subizzjoni tagħhom .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi kkonfermata bil-ġurament ta' Alexander Cutajar .

Rat id-dokumenti kollha annessi maċ-ċitazzjoni .

Rat in-nota tas-soċjeta' attriċi li biha rriduċiet it-talba għal erbat'elef tmien mija ħamsa u disgħin lira maltija u tmienja u sittin ċenteżmi (Lm4895.68c), liema nota ġiet ippreżentata fit-23 ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) .

Rat in-nota ta' l-istess soċjeta' attriċi ta' l-24 ta' Ottubru, 2005, li permezz tagħha ċediet il-mertu ta' din il-kawża, stante ħlas fil-mori tal-kawża, filwaqt li żammet ferm il-kap ta' l-ispejjeż .

Semgħet lid-difensur tal-konvenuti fl-udjenza tal-lum, tammetti l-kap ta' l-ispejjeż .

Il-Qorti għal hekk u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi dwar dan il-kap ta' l-ispejjeż billi tordna illi dawn għandhom jiġu sopportati kollha mill-konvenuti solidament bejniethom .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------